MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 269/2006

**Customs Services Limited**
**C29290**

**Vs**

**Computer Evolution Centre Limited**
**C15997(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300) rapprezentanti import ta' flus imhallsa lil terza persuna a beneficcju tal-konvenut u servigi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta ghal liema bilanc inhareg cekk li ma setax jigi msarraf ghar-ragunijiet unikament imputabbli lis-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------